**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur Paul Camilleri**
**v**

**JOSEPH ZAHRA**

**Illum, 8 ta' Ottubru, 2001**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **JOSEPH ZAHRA** ta' sebgha w erbghin sena bin Joseph u Anne nee Cutajar imwieled B'Bugia fis-sitta ta' April, 1963 u joqghod Block 5, House 2, Officers Mess, Triq Hal Far, HalFar, detentur tal-karta tal-identita numru 293553M gie mressaq quddiemha akkuzat talli fl-ewwel ta' Jannar, 2000 ghal habta tal-ghaxra ta' bil-lejl gewwa City Gate Bus Terminus, Floriana, voluntarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe ghamel hsara fil-mobile Lotto Office, liema hsara hija aktar minn hamsin lira maltin izda inqas minn hames mitt lira maltin ghad-dannu tal-Public Transport Authority ta' Triq il-

Kanun, Santa Venera, u talli b'hekk sar recidiv b'sentenzi li saru definittivi moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-disgha w ghoxrin ta' April, 1998, fit-tlieta ta' Gunju, 1976 u fis-sbatax ta' Gunju, 1982.

Rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 325(b), 49, 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta .

Rat d-dokumenti kollha esibiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali esibit f'dawn l-atti a fol 2 tal-process datat sebgha ta' April, 2000.

Semghet lix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni u lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju.

Ikkunsidrat:

Illi fl-ewwel ta' Jannar, 2000 Enforcement Officer tal-Public Transport Authority kien ghamel rapport fl-Ghassa tal-Pulizija tal-Belt Valletta fejn kien allega li ftit qabel l-ghaxra ta' bil-lejl ta' dak il jum kien nnota lil Joseph Zahra jaqleb mobile Kiosk tal-injam li kien hemm fit-Terminus tal-Belt, liema mobile Kiosk jappartjeni lil Public

Lotto u kienet *on loan* lil Public Transport Authority. B'rizultat ta' dan, il-mobile Kiosk garrab hsara fl-ammont ta' tnejn u hamsin lira maltin u hamsin centezmu kif jirrizulta mill-istima esibita fl-atti bhala dokument PC 2 a fol 29 tal-atti u kkonfermat minn Emanuel Seisun l-impjegat tal-*maintenance* tal-Public Transport Authority.

**Victor Caruana** xehed fid-disgha w ghoxrin ta' Mejju, 2000 fejn spjiega kif ra lill-imputat Joseph Zahra jimbotta lil din il-gabina u jiehu x' injam minnha w jdahhlu fix-xarabank tieghu. L-imputat meta gie mistoqsi minn dan Victor Caruana ghaliex ghamel hekk qatt ma cahad din l-affermazzjoni u qallu biss biex ma jindahalx.

**PS 1387 Vincent Arnaud** esibixxa kopja tal-okkorenza li giet mmarkata bhala dokument VA minn fejn jirrizulta li dak li qal Victor Caruana l-Qorti jaqbel perfettament mar-rapport li kien ghamel dakinhar tal-incident.

**PS 228 Anthony Zammit** xehed w kkonferma li dakinhar tal-ewwel ta' Jannar, 2000 ghall-habta tal-ghaxra nieqes ghaxra ta' bil-lejl, huwa kien stazzjonat City Gate Bus Terminus il-Belt Valletta u kien qed jitkellem ma xi xufiera. F'daqqa wahda semgha hoss u ra lil

Joseph Zahra jgorr zewg bicciet injam mehuda minn gabina li kienet maqluba mal-art.

Nhar il-wiehed u tletin ta' Marzu, 2000 l-imputat rrilaxxja stqarrija li tinsab esibita fl-atti odjerni a fol 27 markata bhala dokument PC 1. Minn ezami ta' din l-istqarrija jirrizulta li l-imputat cahad li kien hu li qaleb il-mobile Kiosk pero kien aktar attent li jmeri lil Victor Caruana li fil-fehma tieghu hu mqabbad mieghu, milli jiskolpa lilu nnifsu mill-incident. Fil-wiehed u ghoxrin ta' Gunju, 2000 xehed viva voce il-Qorti u qal li dakinhar tal-ewwel ta' Jannar, 2000 ra zewg guvintur jaqilbu il-mobile Kiosk. Stqarr pero li l-Kiosk ma nkisirx meta inqaleb. Huwa insista li dak il-hin kien fuq ix-xarbank flimkien ma ibnu Mario.

**Mario Zahra**, iben l-imputat Joseph Zahra, xehed u qal bhal ma kien qal missieru u cioe li kienu zewg guvintur li kienu qalbu l-mobile kiosk. Huwa zied jghid, kuntrarjarment ghal dak li jghid missieru l-imputat, li fl-ebda hin ma ra lil missieru jinzel mix-xarabank.

Illi ghalhekk ma hemmx dubbju li din l-kawza si tratta fuq l-kredibilita li din il-Qorti ghandha taghti lix-xhieda u dan hu proprju l-ezercizzju li ghamlet din il-Qorti.

Il-Qorti ezaminat bir-reqqa kollha l-provi kollha migbura u thoss li l-alternattivi huma tnejn, jew li l-imputat qed jghid il-verita jew mhux. Pero fic-cirkostanzi kif inhuma u kif jirrizultaw fil-process, biex din il-Qorti tasal ghal konkluzzjoni li l-imputat mhux hati tad-delitt imputat lilu, trid wkoll tasal ghal konkluzzjoni li kien hemm fil-kaz u fil-konfront tieghu, speci ta' kongura minn persuna biex taddebitalu delitt li ma kkommettix. Ghalhekk hawnhekk mhux il-kaz li bniedem xehed ghaliex tressaq bhala xhud, izda x-xhud okulari kien dak li ghamel r-rapport u a bazi tieghu tressaq dan l-kaz.

Din il-Qorti hija f'posizzjoni vantaggjata ghal Qrati ohra meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda u dan ghaliex hija ghexet l-process tul medda ta' zmien, tkun semghet ix-xhieda kollha jixhdu viva voce quddiemha, ezaminat l-imgieba u l-komportament taghhom stante li kienet hija stess li kkonstatathom u x'interess setgha kellu kull xhud f'dak li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le. Ghalhekk kollox jiddependi fuq il-kredibilita tax-xhieda u dan hu proprju l-ezercizzju li ghamlet din il-Qorti.

Huwa minnu li f'kaz ta' konflitt ta' provi il-Qorti ghandha tillibera favur l-imputat pero huwa minnu wkoll kif gie deciz mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax ta' Mejju, 1997*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Charles Ducker** u cioe :

> "*Conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt, whoever has to judge may, after consideration of all the circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one.*"

Huwa minnu wkoll kif hemm imnizzel fl-artikolu 638(2) tal-Kap 9 li x-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jw aktar. Ghalhekk jispetta lil Qorti tara liema hija l-aktar xhieda kredibbli u vero simili fic-cirkostanzi u dan a bazi ta' possibilita. Huwa veru wkoll li l-Qorti ghandha tqis provi cirkostanzjali jew indizzjarji sabiex tara jekk hemmx irbit bejn l-imputat u l-allegat reat.

Illi l-Qorti ghalhekk sejra taghmel apprezzamnt tal-fatti fl-isfond tas-suespost.

Illi x-xhud ewlieni tal-Prosekuzzjoni u cioe Victor Caruana xehed b'mod kawt, preciz u minghajr tlaqliq. Kien cert f'dak li kien qed jirrelata u ma hemmx dubbju li kien konsistenti kemm f'dak li rrapporta lil PS 1387 Vincent Arnaud dakinhar tal-ewwel ta' Jannar, 2000 u dak li ddepona quddiem l-istess Qorti ftit xhur wara. Ma hemm l-ebda dubbju li x-xhud huwa bniedem kredibbli u attendibbli.

L-imputat minn naha l-ohra ma tantx kien kredibbli ghaliex waqt li fl-istatement tieghu huwa interessat biss li jmeri lil Ufficjal tat-Trasport Pubbliku u jfisser li hu imqabbad mieghu, meta xehed il-Qorti stqarr li kienu zewg gucintur li kissru l-gabina. Fl-ebda hin fl-investigazzjoni ma l-imputat jipprova jeghleb din l-versjoni tieghu tal-fatti jew ghal inqas jsahhaha billi jghid lil Ufficjal Investigattiv li ibnu Mario kien mieghu u ra l-gabina tinkiser. Kien biss il-Qorti, sbatax il-xahar wara l-incident li ressaq din id-difiza. Mario Zahra ma jikkolaborax lil missieru l-imputat ghaliex filwaqt li l-imputat jammetti li kellu xi jghid ma Victor Caruana u li PS 228 Anthony Zammit mar jkellmu dakinhar stess, Mario Zahra jghid li fl-ebda hin ma l-imputat nizel mix-xarabank.

In oltre, l-imputat lanqas biss jaghti spjiegazzjoni x'kienu qed jghamlu f'idejh il-bicciet tal-injam mehuda mill-gabina, liema injam gie mehud minnha a tempo vergine tal-incident ftit wara li l-gabina giet imkissra.

Illi ghalhekk il-Qorti m'ghandhix dubbju li kien l-imputat li ghamel din il-hsara voluntarja fil-gabina u ghalhekk fil-fehma tal-Qorti, l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova l-akkuza principali ta' hsara voluntarja.

Dwar t-tieni akkuza u cioe dik ta' recidiva il-Qorti rat d-diversi sentenzi esibiti f'dawn l-atti ilkoll moghtija fil-konfront tal-imputat liema sentenzi jinsabu esibiti a fol 30 bhala dokument PC 3, a fol 32 bhala dokument PC 4, a fol 61 bhala dokument CSH, a fol 62 bhala dokument CSH 1, a fol 66 bhala dokument CSH 2, a fol 70 bhala dokument CSH 3 u a fol 73 bhala dokument CA.

Rat li numru kbir ta' sentenzi gew konfermati mill-Ufficjal Prosekutur fil-konfront tal-imputat u cioe mill-Ispettur Pierre Micallef Grimaud kif jirrizulta a fol 76 tal-atti, l-Ex Supretendent Salvu Galea

kif jirrizulta a fol 78 tal-istess atti u l-Ispettur Paul Camilleri kif jirrizulta a fol 59 tal-atti odjerni.

Illi ghalhekk l-akkuza ta' recidiva tirrizulta ppruvata wkoll.

Il-Qorti rat il-fedina penali tal-imputat li tinsab esibita a fol 4 et seq tal-atti minn fejn jirrizulta li l-imputat kiser dufrejh mal-Qorti mill-inqas tmienja w tmenin darba meta gie kkundannat sentenzi ta' prigunerija, ta' multi w inghata wkoll probation, u dan fuq diversi akkuzi fosthom ksur tal-Ordinanza tat-Traffiku, glied, feriti ta' natura gravi, theddid w ingurji lil Ufficjali Pubblici, fosthom Pulizija u membri tat-Trasport Pubbliku.

Rat li l-imputat qatt ma tghallem jbiddel l-atteggjament tieghu u ghalhekk in vista ta' dawn ic-cirkostanzi thoss li l-piena idoneja hija dik ta' prigunerija, u dan sabiex taghti messagg car lil imputat li ma jistax jkompli jghix u jinjora l-gustizzja u l-haqq, izda li ghandu jirrealizza li jifforma parti minn socjeta umana u li dawn l-affarijiet ma jsirux hekk kiesah u biered u bla raguni, specjalment ghal gost, u sabiex forsi jitghallem ma jghamilhix izjed ta' cowboy.

Il-Qorti qiset wkoll il-valur tal-hsara kagjonata u cioe li kkaguna hsara voluntarja fl-ammont ta' tnejn u hamsin lira maltin u hamsin centezmu, liema hsara pero ma jirrizultax li l-imputat ghamel tajjeb ghaliha.

**Ghaldaqstant wara li tiddikjara li qed issib lil imputat JOSEPH ZAHRA hati taz-zewg akkuzi kif addebitati lilu tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sitt xhur.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**